hwejjeġ stabbiliti, narawhom b'għajnejna. Ir-ras bil-fors bajda trid issir. Jew bit-tfartis inkella bix-xagħar abjad, minn hemm trid tgħaddi u biex nifhmu dan ma jinħtiġux provi; ix-xeni ta' kuljum huma "*Quod erat demonstrandum*".

## TIFTAHX, JA WARD SABIH!

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Tiftaħx, ja ward sabiħ, quddiem għajnejna,
xerred 'il bogħod il-fwejjaħ
qalb il-widien u l-ġonna
għax aħna mitlufin f'ħolm aktar sbejjaħ.

Isbaħ minn lwien il-ward id-deheb u l-fidda,
tlellix il-flus u l-frugħa.
Il-lum il-Ġmiel u s-Sewwa
ħdejn il-pjaċir tal-ħajja saru bluha.

Isbaħ mix-xemx, isbaħ mid-dwal tal-kwiekeb
id-dwal tal-linfi tagħna
fis-swali kbar fejn jiżfnu
bla serħ iż-żgħażagħ mitlufin, sakrana.

Il-għerf sar bluha u telf ta' żmien il-kotba.
Dan huwa l-qawl tal-ħajja:
mhemmx ħniena imma moħqrija,
mibegħda flok imħabba. Hekk juru l-ġrajja.

Kollox inqaleb: għax il-Haqq u s-Sewwa
u l-Ġieh ħolma ta' dari.
Ġmiel l-Arti u n-Natura
ma jgħoddx għalina: u xorta l-ġnien u x-xagħri.

Mel'agħlaq fommok ħelu, ja ward sbejjaħ,
biex taħbi l-ġmiel 'l għajnejna;
tarmix il-fwejjaħ fostna,
xerred il-ġmiel 'il bogħod, 'il bogħod minn ħdejna!

15. VIII. 1947.



# Triq il-Fatati

*Ta'* ĠUŻE' ELLUL MERCER

MIN jaf min kien li taha dan l-isem; u kemm għaddew mijiet ta' snin u baqgħet dejjem tissejjaħ hekk; sa ma wasal żmienna, u kollox tbiddel u ntesa; u din it-triq bdiet tissejjaħ Triq tas-Sliema?

Tassew li sa ħamsin sena ilu, qabel ma nfetħet it-triq il-ġdida li hemm il-lum, li mix-xatt ta' l-Imsida tieħdok ħdejn il-fabbriki ta' Mamo u ta' Muscat, Triq il-Fatati kienet għadha t-triq ewlenija minn l-Imsida għal San Ġiljan u Tas-Sliema; madankollu ħadd ma kien isejħilha Triq tas-Sliema iżda Triq il-Fatati. Donnu li dan l-isem kien idoqq iżjed ħelu għal widnejn in-nies ta' dak iż-żmien.

Għaliex għandkom tkunu tafu li sa erbgħin sena ilu, il-biċċa l-kbira tan-nies kienet għadha temmen bil-ħarsiijet u bil-waħxijiet u bil-fatati; u bħalma kien hawn djar u għorof u mkejjen imgħammrin bil-fatati hekk ukoll kien hawn it-toroq tagħhom; u din kienet waħda minnhom.

Fi tfuliti ħadd ma kien jistaqsi għaliex dit-triq kienu laqmuha tal-fatati; u lanqas ħadd ma kien jibża' jgħaddi minnha; la bil-lejl u lanqas bin-nhar. Iżda kulħadd kien jemmen u jifhem li, ladarba ta' qabilna kienu tawha dan l-isem, tabilfors li xi darba kienu jgħaddu minnha jew jidhru fiha l-fatati.

Kemm kienu ħelwin il-fatati u l-ħarsijiet; u kemm kien isbaħ iż-żmien li fih dawn kienu jiġġerrew mat-toroq, fid-dlamijiet tal-lejl jew fid-dawl ta' qamar; jew igħammru f'xi għorfa jew f'xi palazz qadim; u erħilhom jinbxu lil min kien ikollu l-ħila joqgħod iejl sħiħ magħhom, sa ma jgerrxuh, biex ma jiksrilhomx rashom iżjed!

Kemm kienu ħelwin il-ġrajja tagħhom, irrakkontati minn min kien ġarrabhom jew iltaqa' magħhom jew rahom xi darba; kemm kien hawn min kien rahom u ltaqa' magħhom kemm-il darba!

Il-lum kulħadd insiehom—l-aktar fil-bliet—u ħadd iżjed ma għadu jsemmihom; u ħadd iżjed ma jrid jaf bihom. U għaldaqstant ħafna minnhom kienu għebu bħalma jgħibu l-għasafar meta jonqoshom l-ilma. Għebu; u marru jfittxu mkejjen oħra, fejn isibu min jaħseb fihom u min irid jaf bihom u min jagħrafhom.